

Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Għaxar Awla) tas-16 ta' Lulju 2015 (talba għal deċiżjoni preliminari tas-Supremo Tribunal de Justiça – il-Portugall) – P vs M

(Kawża C-507/14)⁽¹⁾

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Artikolu 99 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja — Assenza ta' dubju raġonevoli — Ġurisdizzjoni f'materja ċivili — Regolament (KE) Nru 2201/2003 — Artikolu 16(1)(a) — Determinazzjoni tad-data li fiha qorti tkun adita — Talba għas-sospensjoni tal-proċedura — Assenza ta' effett)

(2015/C 320/16)

Lingwa tal-kawża: il-Portugiż

Qorti tar-rinviju

Supremo Tribunal de Justiça

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: P

Konvenuta: M

Dispożittiv

L-Artikolu 16(1)(a) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003, tas-27 ta' Novembru 2003, dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbilità tal-ġenituri, u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1347/2000, għandu jiġi interpretat fis-sens li qorti titqies li hija adita fid-data li fiha l-att promotur jew att-ekwivalenti huwa ppreżentat quddiem din il-qorti, anki meta l-proċedura sadanittant ġiet sospiża fuq inizjattiva tal-applikant li kien ippreżentaha, mingħajr ma l-imsemmija proċedura ġiet innotifikata lill-konvenuta la li din tal-aħħar kellha konjizzjoni tagħha jew tkun intervjjeniet b'ebda mod, sakemm l-applikant ma ttraskurax wara li jieħu l-miżuri li kien obbligat li jieħu sabiex l-att ikun innotifikat lill-konvenuta.

⁽¹⁾ ĠU C 65, 23.02.2015.

Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tas-16 ta' Lulju 2015 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Audiencia Provincial de Castellón) – Spanja – Juan Carlos Sánchez Morcillo, María del Carmen Abril García vs Banco Bilbao Vizcaya Argentaria, SA

(Kawża C-539/14)⁽¹⁾

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Artikolu 99 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja — Direttiva 93/13 KEE — Artikolu 7 — Karta tad-drittijiet fundamentali tal-Unjoni Ewropea — Artikoli 7 u 47 — Kuntratti konklużi mal-konsumaturi — Kuntratt ta' self ipotekarju — Klawżoli inġusti — Proċedura għall-eżekuzzjoni ta' ipoteki — Dritt ta' appell)

(2015/C 320/17)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Qorti tar-rinviju

Audiencia Provincial de Castellón

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Juan Carlos Sánchez Morcillo, María del Carmen Abril García

Konvenuta: Banco Bilbao Vizcaya Argentaria, SA

Dispożittiv

L-Artikolu 7(1) tad-Direttiva tal-kunsill 93/13 KEE, tal-5 ta' April 1993, dwar klawżoli inġusti f-kuntratti mal-konsumatur, mogri flimkien mal-Artikoli 7 u 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jippreklidix li dispożizzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, skont liema il-konsumatur, bħala debitur suġġett għall-eżekuzzjoni fproċedura għall-eżekuzzjoni ta' ipoteki, jista' jippreżenta appell mid-deċiżjoni li tiċħad l-oppożizzjoni għall-eżekuzzjoni biss meta l-qorti tal-ewwel iſtanza ma tkunx laqgħet ir-naġuni ta' oppożizzjoni bbażata fuq in-natura inġusta ta' klawżola kuntrattwali li tikkostitwixxi l-bażi tat-titolu eżekuttiv, anki jekk il-bejjiegħ jew fornitur jista', min-naħħa l-oħra, jappella kull deċiżjoni li tordna li ttemm il-proċedura, indipendentement mir-raġuni ta' oppożizzjoni li tibbażza ruħha.

⁽¹⁾ ĠU C 26, 26.01.2015.

Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Id-Disa' Awla) tal-4 ta' Ġunju 2015 – Mirelta Ingatlanhasznosító kft vs Il-Kummissjoni Ewropea, l-Ombudsman Ewropew

(Kawża C-576/14 P) ⁽¹⁾

(Appell — Rikors għal annullament — Rifjut tal-Kummissjoni li tibda proċedura għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu — Inammissibiltà u nuqqas ta' ġurisdizzjoni tal-Qorti Ġenerali — Appell parżjalment manifestament infondat u parżjalment manifestament inammissibbli)

(2015/C 320/18)

Lingwa tal-kawża: l-Ungjeriż

Partijiet

Appellant: Mirelta Ingatlanhasznosító kft (rappreżentant: K. Pap, avukat)

Partijiet oħra fil-proċedura: Il-Kummissjoni Ewropea, l-Ombudsman Ewropew

Dispożittiv

1) L-appell huwa miċħud.

2) Mirelta Ingatlanhasznosító kft tħalli l-ispejjeż tagħha.

⁽¹⁾ ĠU C 73, 02.03.2015.